MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Talba Numru. 765/2005

**Anthony Scerri**
**vs**
**Charles u Veronica Grech u b'digriet tat-3 ta' Mejju, 2005 gie kjamat in kawza Saviour Busuttil**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' April, 2005, fejn intqal :**
**Illi l-attur sofra danni wara li gew ikkagunati hsarat fil-fond tieghu wara xoxgholijiet li saru mill-konvenuti fil-proprjeta` taghhom li hija sitwata biswit dik ta' l-attur.**
**Illi qabel ma nbdew dawn ix-xogholijiet ma kien hemm ebda problema strutturali fil-proprjeta` ta' l-attur u ghaldaqstant il-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-imsemmija hsarat.**
**Illi l-ispiza tax-xogholijiet u spejjez professjonali tammonta ghal hames mija u tmenin lira (Lm580.00) rapprezentanti mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210.00)**

**bhala hlas ghall-plastering u dekorazzjoni li kellu jsir fis-sitting/dining room, kcina u washroom, tletin lira (Lm30) bhala polishing tal-madum fis-sitting/dining room, tlett mija u ghaxar liri (Lm310.00) bhala spejjez ta' support temporanju u tletin lira (Lm30) bhala spejjez professjonali.**
**L-attur talab lit-Tribunal sabiex :**
**Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-hsarat li saru fil-fond ta' l-attur.**
**Jordna li tithallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tmenin lira mill-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fid-29 ta' April, 2005, fejn intqal:**
**i. Illi l-eccpjenti m'humiex il-kegittimi kontradditturi stante li x-xogholijiet esegwiti saru minn terzi u cioe` Saviour Busuttil.**
**ii. Illi minghajr pregudizzju, l-eccipjenti ma humiex responsabbli ghall-hsarat kif indikati mill-attur.**
**iii. Illi minghajr pregudizzju, it-talba hija wahda esagerata.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Charles Grech, Anthony Muscat u l-Perit Christopher Borg . Ra l-affidavit ta' Anthony Scerri, Maria Victoria Scerri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirigwarda danni illi l-attur allegatament sofra fil-fond tieghu wara xogholijiet li saru mill-konvenuti fil-proprjeta` biswit dik tieghu. Il-konvenuti qed jghidu li huma m`humiex responsabbli peress illi ix-xoghlijiet saru minn Saviour Busuttil, il-kjamat in kawza.**
**2. L-attur jispiega illi fix-xuhur qabel Marzu 2004, il-konvenut Grech kien ser iwaqqa zewg postijiet ta` ma` genbu. Fil-fatt, Veronica Grech, il-konvenuta, xi-zmien wara marret fil-fond ta`l-attur flimkien mal-Perit ta` fiducja taghha. Skond Scerri, il-Perit qal li id-dar kienet f`kundizjoni vera tajba.**

**3. Scerri jghid ukoll li fil-25 ta` Marzu 2004, induna li bdew iwaqqghu l-bini ta` ma` genbu. Kien qal ukoll lill-haddiema li kien hemm, biex, fejn il-hitan kienu mqabbdin ma xulxin, jaqtaghhom b`serrieq tal-katina. Scerri jghid li dan ma sarx u li it-twaqqigh sar bil-hymac u bil-gaffa. Apparti minn dan bdew xoghol ta` thaffir u dahhlu ukoll il-gewwa anki taht il-pedamenti.**

**4. L-attur jispiega illi waqt it-thaffir kellu qiesu terremot fil-kamra tas-sodda u fis-salott, it-tikhil beda jaqa' u kollox jiccaqlaq. Ghalhekk qal lill-haddiema biex iwaqqfu ix-xoghol. Sussegwentement, il-periti u l-bennej spezzjonaw il-kmamar tal-attur. Jghid li l-ghada tal-ispezzjoni kompla ix-xoghol u l-mara tieghu indunat illi kolonna kientet inqasmet minn zewg nahat. Ghalekk regghu marru il-periti, u qablu illi jintuzaw magni izghar biex isir ix-xoghol. Jghid ukoll li, l-perit tieghu qallu wkoll illi il-post kien perikolanti, u qallu biex johrog minnu.**

**5. Maria Scerri tikkonferma dak li qal l-attur.**

**6. Anthony Muscat, bennej, kien mar jirranga fil-fond tal-attur u dana spjega d-danni li sab, fosthom hnejja li inqasmet u bdiet iccedi l-arkata. Dana iddeskriva il-hsarat bhala estensivi, u kien hemm konsenturi u kolonna maqsuma. Il-Perit Christopher Borg jispjega ukoll id-danni li kien hemm u c-certifikati mahrugin minnu Dok.CB1 datat 3 ta` Gunju 2004 u Dok.C li hu valutazjoni tal-ispejjez li garrab l-attur.**

**7. Mill-provi mismghuha jirrizulta ampjament illi r-resposabilita` ghal dak li gara` kienet tal-kuntrattur Saviour Busuttil, li uza makkinarju kbir biex jaghmel ix-xogholijiet u b`nuqqas u non kuranza ghal girien, meta kien jaf bihom, ikkawza il-hsarat fid-dar tal-attur. Ghalhekk dana ghandu ihallas lill-attur id-danni reklamati.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-hsarat kien jahti unikament responsabbli l-kjamat in kawza Saviour Busuttil, it-Tribunal filwaqt illi qed jillibera lil konvenuti Grech mill-ossevanza tal-gudizzju, jikkundanna lill-kjamat in-kawaza Saviour Busuttil**

**ihallas lill-attur s-somma ta' hames mija u tmenin lira Maltija (Lm580.00).**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati unikament mill-kjamat in-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------